2025/401

24.2.2025

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2025/401

tal-24 ta' Frar 2025

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 692/2014 dwar miżuri restrittivi b'reazzjoni għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/397 tal-24 ta' Frar 2025 li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-23 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 692/2014 ([2]).

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 692/2014 jagħti effett lil ċerti miżuri previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK ([3]).

(3) Fl-24 ta' Frar 2025 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/397, li temenda d-Deċiżjoni 2014/386/PESK.

(4) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/397 tipprojbixxi, soġġetti għal ċerti eċċezzjonijiet, il-forniment lill-Krimea u Sevastopol ta' karti tal-flus denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru.

(5) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/397 tirrestringi l-esportazzjoni lejn il-Krimea u Sevastopol ta' ċerti oġġetti u teknoloġija li huma wkoll ristretti mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 ([4]).

(6) Id-Deċiżjoni (PESK) 2025/397 tipprojbixxi l-forniment lill-Krimea u Sevastopol ta' kontabbiltà, awditjar, żamma tal-kotba, konsulenza dwar it-taxxa, konsulenza dwar in-negozju u l-ġestjoni, relazzjonijiet pubbliċi, kostruzzjoni, arkitettura, inġinerija, konsulenza legali, konsulenza tal-IT, riċerka tas-suq u stħarriġ tal-opinjoni pubblika, ittestjar u analiżi tekniċi u servizzi ta' reklamar. Tipprojbixxi wkoll il-forniment lill-Krimea u Sevastopol ta' ċertu software għall-ġestjoni ta' intrapriżi u ta' software għad-disinn u l-manifattura industrijali, u ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali relatati.

(7) Għall-finijiet tal-iżgurar ta' implimentazzjoni effettiva, il-prevenzjoni taċ-ċirkomvenzjoni u t-tisħiħ tal-infurzar tal-miżuri restrittivi stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 692/2014, kif ukoll il-protezzjoni tal-operaturi tal-Unjoni, huwa xieraq li jiġu introdotti għadd ta' dispożizzjonijiet orizzontali u li tiġi emendata l-formulazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet eżistenti.

(8) Sabiex jiġi żgurat allinjament mal-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża C-72/11 ([5]), id-Deċiżjoni (PESK) 2025/397 temenda d-dispożizzjoni li tipprojbixxi ċ-ċirkomvenzjoni sabiex jiġi ċċarat li r-rekwiżiti ta' għarfien u ta' rieda jiġu ssodisfati mhux biss meta persuna tfittex deliberatament l-għan jew l-effett li tevita l-miżuri restrittivi iżda wkoll meta persuna li tipparteċipa f'attività li jkollha l-għan jew l-effett li tevita l-miżuri restrittivi tkun konxja li tali parteċipazzjoni jista' jkollha dak l-għan jew dak l-effett, u taċċetta dik il-possibbiltà.

([1]) ĠU L, 2025/397, 24.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/397/oj.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 692/2014 tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 9, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/692/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/386/PESK tat-23 ta' Ġunju 2014 dwar miżuri restrittivi minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol (ĠU L 183, 24.6.2014, p. 70, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/386/oj).
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi b'ħarsa lejn l-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/833/oj).
([5]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Diċembru 2011, *Proċeduri kriminali kontra Mohsen Afrasiabi u Oħrajn*, C-72/11, ECLI:EU:C:2011:874, il-paragrafu 67.

(9) Ir-Regolament (UE) Nru 692/2014 japplika biss fil-limiti ġuriżdizzjonali definiti fl-Artikolu 10 tiegħu. Fl-istess ħin, jekk l-operaturi tal-Unjoni jkunu jistgħu u jasserixxu b'mod effettiv influwenza deċiżiva fuq it-tmexxija ta' persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mill-Unjoni, dawn jistgħu jkunu responsabbli għall-azzjonijiet ta' dik il-persuna fiżika, l-entità jew il-korp li jfixklu l-miżuri restrittivi u jenħtieġ li jużaw l-influwenza tagħhom biex jipprevjenu dawk l-azzjonijiet milli jseħħu.

(10) Tali influwenza tista' tirriżulta mis-sjieda jew mill-kontroll fuq il-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp. Sjieda tfisser il-pussess ta' 50 % jew aktar tad-drittijiet proprjetarji tal-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp, jew interess maġġoritarju fihom. L-elementi li jindikaw kontroll jinkludu: id-dritt jew is-setgħa li tinħatar jew titneħħa maġġoranza tal-membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju; id-dritt li jintużaw l-assi kollha tal-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp, jew parti minnhom; il-ġestjoni tan-negozju tal-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp fuq bażi unifikata, filwaqt li jiġu ppubblikati kontijiet konsolidati; jew id-dritt li tiġi eżerċitata influwenza dominanti fuq il-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp.

(11) Huwa xieraq li l-operaturi tal-Unjoni jkunu meħtieġa jagħmlu mill-aħjar tagħhom biex jiżguraw li persuni ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi stabbiliti barra mill-Unjoni li jkollhom fis-sjieda jew li jikkontrollaw ma jipparteċipawx f'attivitajiet li jfixklu l-miżuri restrittivi previsti fir-Regolament (UE) Nru 692/2014. Tali attivitajiet huma dawk li jirriżultaw f'effett li dawk il-miżuri restrittivi jfittxu li jipprevjenu, pereżempju, li riċevitur fil-Krimea jew f'Sevastopol jikseb oġġetti, teknoloġija, finanzjament jew servizzi ta' tip li huwa soġġett għal projbizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) Nru 692/2014.

(12) Jenħtieġ li l-aħjar sforzi jinftiehmu li jkunu l-azzjonijiet kollha xierqa u meħtieġa għall-kisba tar-riżultat li jkun il-prevenzjoni tat-tfixkil tal-miżuri restrittivi fir-Regolament (UE) Nru 692/2014. Dawk l-azzjonijiet jistgħu jinkludu, pereżempju, l-implimentazzjoni ta' politiki, kontrolli u proċeduri xierqa għall-mitigazzjoni u l-immaniġġar effettivi tar-riskju, waqt li jitqiesu fatturi bħall-pajjiż terz tal-istabbiliment, is-settur ta' negozju u t-tip ta' attività tal-persuna ġuridika, entità jew korp proprjetà tal-operatur tal-Unjoni jew taħt il-kontroll tiegħu. Fl-istess ħin, l-aħjar sforzi jenħtieġ li jinftiehmu bħala li jinkludu biss azzjonijiet li huma fattibbli għall-operatur tal-Unjoni minħabba n-natura tiegħu, id-daqs tiegħu u ċ-ċirkostanzi fattwali rilevanti, b'mod partikolari l-grad ta' kontroll effettiv fuq il-persuna ġuridika, l-entità jew il-korp stabbiliti barra mill-Unjoni. Tali ċirkostanzi jinkludu s-sitwazzjoni fejn l-operatur tal-Unjoni, minħabba raġunijiet li ma kkawżax huwa stess, bħal-leġiżlazzjoni ta' pajjiż terz, ma jkunx jista' jeżerċita kontroll fuq persuna ġuridika, entità jew korp li huwa s-sid tagħhom.

(13) Bil-ħsieb li tiżdied is-sensibilizzazzjoni dwar l-azzjoni ta' infurzar, huwa xieraq li l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-penali imposti għal ksur tal-miżuri restrittivi.

(14) Meta persuna fiżika jew ġuridika tiddivulga b'mod volontarju, kompletament u fi żmien debitu ksur tal-miżuri restrittivi, jenħtieġ li jkun possibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti li jqisu dik l-awtodivulgazzjoni meta japplikaw penali, kif ikun xieraq, f'konformità mal-liġi amministrattiva nazzjonali jew ma' liġi jew regoli nazzjonali rilevanti oħra. Il-miżuri meħuda mill-Istati Membri skont id-Direttiva (UE) 2024/1226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]), u r-rekwiżiti li jinsabu fiha fir-rigward ta' ċirkostanzi mitiganti japplikaw.

(15) Huwa xieraq li jiġi ċċarat li l-protezzjoni kontra r-responsabbiltà li tingħata lill-operaturi tal-Unjoni jekk ma kinux jafu, u ma kellhom ebda raġuni valida biex jissuspettaw, li l-azzjonijiet tagħhom kienu jiksru l-miżuri restrittivi tal-Unjoni ma tistax tiġi invokata jekk l-operaturi tal-Unjoni jkunu naqsu milli jwettqu d-diliġenza dovuta xierqa. Huwa xieraq li l-informazzjoni disponibbli pubblikament jew faċilment disponibbli titqies b'mod dovut meta titwettaq tali diliġenza dovuta. Għalhekk, pereżempju, operatur tal-Unjoni ma jistax jinvoka b'suċċess tali protezzjoni meta jiġi akkużat bi ksur tal-miżuri restrittivi rilevanti minħabba li jkun naqas milli jwettaq verifiki jew spezzjonijiet sempliċi.

(16) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk, b'mod partikolari bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni.

(17) Ir-Regolament (UE) Nru 692/2014 jenħtieġ għalhekk li jiġi emendat skont dan,

([6]) Id-Direttiva (UUE) 2024/1226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill al-24 ta' April 2024 dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' penali għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni u li temenda d-Direttiva (UE) 2018/1673 (ĠU L, 2024/1226, 29.4.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1226/oj).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 692/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2*

1. Għandu jkun ipprojbit:

(a) li jiġu importati fl-Unjoni Ewropea oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew f'Sevastopol;

(b) li jiġu pprovduti, direttament jew indirettament, finanzjament jew għajnuna finanzjarja kif ukoll assigurazzjoni u riassigurazzjoni relatati mal-importazzjoni tal-oġġetti msemmija fil-punt (a).

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw fir-rigward ta' oġġetti li joriġinaw fil-Krimea jew Sevastopol li tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet Ukreni għal eżami, li għalihom ġiet ivverifikata l-konformità mal-kondizzjonijiet li jagħtu intitolament għall-oriġini preferenzjali u li għalihom inħareġ ċertifikat tal-oriġini f'konformità mal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Ukrajna, min-naħa l-oħra.";

(2) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 2aa*

1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' karti tal-flus denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru lill-Krimea jew Sevastopol jew lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Krimea jew Sevastopol, jew għall-użu fil-Krimea jew Sevastopol.

2. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' karti tal-flus denominati fi kwalunkwe munita uffiċjali ta' Stat Membru dment li tali bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jkunu neċessarji għal:

(a) l-użu personali ta' persuni fiżiċi li jivvjaġġaw lejn il-Krimea jew Sevastopol jew membri tal-familji immedjati tagħhom li jivvjaġġaw magħhom;

(b) l-iskopijiet uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali li jinsabu fil-Krimea jew Sevastopol; jew

(c) attivitajiet tas-soċjetà ċivili u tal-media li jippromwovu direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fil-Krimea jew Sevastopol li jirċievu finanzjament pubbliku mill-Unjoni, mill-Istati Membri, jew mill-pajjiżi elenkati fl-Anness V.";

(3) L-Artikolu 2b huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti u teknoloġija, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni, kif ukoll jekk le, kif elenkat fl-Anness II:

(a) għal kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Krimea jew Sevastopol, jew

(b) għall-użu fil-Krimea jew f'Sevastopol.

1a. L-Anness II għandu jinkludi ċerti oġġetti u teknoloġiji adatti għall-użu fis-setturi ewlenin li ġejjin:

(i) it-trasport;

(ii) it-telekomunikazzjoni;

(iii) l-enerġija;

(iv) il-prospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt, tal-gass u tar-riżorsi minerali.";

(b) il-paragrafi 3 u 4 huma mħassra;

(4) L-Artikolu 2c huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 2c*

1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, direttament jew indirettament, ta' kontabbiltà, awditjar, inkluż awditjar statutorju, żamma tal-kotba jew servizzi ta' konsulenza dwar it-taxxa, jew servizzi ta' konsulenza dwar in-negozju u l-ġestjoni jew servizzi ta' relazzjonijiet pubbliċi lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi fil-Krimea jew Sevastopol.

2. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, dirett jew indirett, ta' servizzi ta' kostruzzjoni, arkitettura u inġinerija, servizzi ta' konsulenza legali u servizzi ta' konsulenza tal-IT lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi fil-Krimea jew Sevastopol.

2a. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, dirett jew indirett, ta' riċerka tas-suq u servizzi ta' stħarriġ tal-opinjoni pubblika, ittestjar tekniku u servizzi ta' analiżi u servizzi ta' reklamar lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi fil-Krimea jew Sevastopol.

2b. Għandhom ikunu pprojbiti l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni, jew il-provvista, diretti jew indiretti, ta' software għall-ġestjoni ta' intrapriżi u software għad-disinn u l-manifattura industrijali kif elenkat fl-Anness IV lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi fil-Krimea jew Sevastopol.

3. Għandu jkun ipprojbit li:

(a) il-forniment, dirett jew indirett, ta' għajnuna teknika jew servizzi ta' senserija direttament relatati mal-infrastruttura fil-Krimea jew Sevastopol fis-setturi msemmija fl-Artikolu 2b(1a), indipendentement mill-oriġini tal-oġġetti u t-teknoloġija;

(b) jingħataw għajnuna teknika, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra relatati mal-oġġetti u s-servizzi msemmija fil-paragrafi 1, 2, 2a u 2b għall-forniment tagħhom, direttament jew indirettament, lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi fil-Krimea jew Sevastopol;

(c) jingħataw finanzjament jew għajnuna finanzjarja relatati mal-oġġetti u s-servizzi msemmija fil-paragrafi 1, 2, 2a u 2b għall-forniment tagħhom, jew għall-għoti ta' għajnuna teknika relatata, servizzi ta' senserija jew servizzi oħra, direttament jew indirettament, lil persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi fil-Krimea jew Sevastopol;

(d) jinbiegħu, jiġu liċenzjati jew trasferiti bi kwalunkwe mod ieħor drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew sigrieti kummerċjali kif ukoll li jingħataw drittijiet għall-aċċess jew l-użu mill-ġdid ta' kwalunkwe materjal jew informazzjoni protetta permezz ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew li tikkostitwixxi sigrieti kummerċjali relatati mas-software msemmi fil-paragrafu 2b u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dak is-software, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fil-Krimea jew Sevastopol jew għall-użu fil-Krimea jew Sevastopol.

4. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi li huma strettament meħtieġa għall-eżerċizzju tad-dritt tad-difiża fi proċedimenti ġudizzjarji u d-dritt għal rimedju legali effettiv.

5. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-forniment ta' servizzi li huma strettament neċessarji biex jiżguraw aċċess għal proċedimenti ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali fi Stat Membru, kif ukoll għar-rikonoxximent jew l-infurzar ta' sentenza jew deċiżjoni ta' arbitraġġ mogħtija fi Stat Membru, dment li tali forniment ta' servizzi jkun konsistenti mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 (*).

6. Il-paragrafi 2, 2a u 2b ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, jew l-għoti ta' servizzi neċessarji għal emerġenzi tas-saħħa pubblika, il-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li x'aktarx ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew tal-ambjent, jew bħala rispons għal diżastri naturali.

7. B'deroga mill-paragrafu 2b, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-forniment ta' servizzi msemmija fih, taħt tali kundizzjonijiet li jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dawk is-servizzi huma meħtieġa għall-kontribuzzjoni ta' ċittadini Ukreni għal proġetti internazzjonali b'sors miftuħ.

8. B'deroga mill-paragrafi 1, 2, 2a, 2b u 3, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment, l-esportazzjoni, jew il-provvista tas-servizzi msemmija fihom, taħt dawk il-kundizzjonijiet li huma jqisu xierqa, wara li jkunu ddeterminaw li dan huwa meħtieġ għal:

(a) finijiet umanitarji, bħat-twassil jew l-iffaċilitar tat-twassil ta' għajnuna, inklużi provvisti mediċi, ikel, jew it-trasferiment ta' ħaddiema umanitarji u għajnuna relatata, jew għal evakwazzjonijiet;

(b) attivitajiet tas-soċjetà ċivili li jippromwovu direttament id-demokrazija, id-drittijiet tal-bniedem jew l-istat tad-dritt fil-Krimea jew Sevastopol;

(c) il-funzjonament ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet f'konformità mal-liġi internazzjonali li jinsabu fil-Krimea jew Sevastopol;

(d) l-iżgurar tal-provvista kritika tal-enerġija fl-Unjoni u x-xiri, l-importazzjoni jew it-trasport fl-Unjoni tat-titanju, l-aluminju, ir-ram, in-nikil, il-palladju u l-mineral tal-ħadid;

(e) l-iżgurar tat-tħaddim kontinwu tal-infrastrutturi, tal-hardware u s-software li huwa kritiku għas-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem, jew is-sikurezza tal-ambjent;

(f) l-istabbiliment, it-tħaddim, il-manutenzjoni, il-provvista tal-fjuwil u t-trattament mill-ġdid u s-sikurezza tal-kapaċitajiet nukleari ċivili, u l-kontinwazzjoni tad-disinn, il-kostruzzjoni u l-ikkummissjonar meħtieġa għat-tlestija ta' faċilitajiet nukleari ċivili, il-forniment ta' materjal prekursur għall-produzzjoni ta'isotopi radjuattivi mediċi u applikazzjonijiet mediċi simili, jew teknoloġija kritika għall-monitoraġġ tar-radjazzjoni ambjentali, kif ukoll għal kooperazzjoni nukleari ċivili, b'mod partikolari fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp;

(g) il-forniment ta' servizzi ta' komunikazzjoni elettronika mill-Unjoni mill-operaturi tat-telekomunikazzjoni tal-Unjoni meħtieġa għall-operazzjoni, il-manutenzjoni u s-sigurtà, inkluża ċ-ċibersigurtà, tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika fl-Ukrajna, fl-Unjoni, bejn l-Ukrajna u l-Unjoni, u għas-servizzi taċ-ċentri tad-data fl-Unjoni.

9. L-Istat Membru kkonċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija skont il-paragrafi 7 u 8 fi żmien ġimagħtejn mill-awtorizzazzjoni.";

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 tas-17 ta' Marzu 2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina (ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2014/269/oj).";

(5) Jitħassar l-Artikolu 2d(4);

(6) fl-Artikolu 2e(1), punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) meħtieġa għal finijiet uffiċjali ta' organizzazzjonijiet internazzjonali li jgawdu minn immunitajiet skont il-liġi internazzjonali li jinsabu fil-Krimea jew f'Sevastopol;";

(7) l-Artikolu 3 jitħassar;

(8) l-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

Għandha tkun ipprojbita l-parteċipazzjoni, konxjament u intenzjonalment, f'attivitajiet li l-objettiv jew l-effett tagħhom ikun iċ-ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet f'dan ir-Regolament, inkluż bil-parteċipazzjoni f'tali attivitajiet mingħajr ma jitfittxu dak l-objettiv jew l-effett deliberatament iżda bl-għarfien li l-parteċipazzjoni jista' jkollha dak l-objettiv jew l-effett u li tiġi aċċettata dik il-possibbiltà.";

(9) l-Artikolu 6(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1 L-ebda pretensjoni b'konnessjoni ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni fejn il-prestazzjoni ta' dawn ġiet affettwata, direttament jew indirettament, b'mod sħiħ jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament inklużi pretensjonijiet għal indennizz jew kwalunkwe pretensjoni oħra ta' dan it-tip, bħal pretensjoni għal kumpens jew pretensjoni taħt garanzija, b'mod partikolari pretensjoni għal estensjoni jew ħlas ta' bond, garanzija jew indennizz, b'mod partikolari garanzija finanzjarja jew indennizz finanzjarju, ta' kwalunkwe għamla, ma għandha tiġi ssodisfata, jekk din issir minn:

(a) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi dežinjati elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014;

(b) kwalunkwe persuna fiżika li, jew persuna ġuridika, entità jew korp li, ikun instab permezz ta' deċiżjoni arbitrali, ġudizzjarja jew amministrattiva li jkun kiser il-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament;

(c) kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp, jekk il-pretensjoni tkun relatata ma' oġġetti li l-importazzjoni tagħhom tkun ipprojbita skont l-Artikolu 2;

(d) kwalunkwe persuna, entità jew korp fil-Krimea jew f'Sevastopol;

(e) kwalunkwe persuna, entità jew korp Russu;

(f) kwalunkwe persuna, entità jew korp li jaġixxu permezz ta' waħda mill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fil-punti (a) sa(e) ta' dan il-paragrafu jew f'isimhom.";

(10) jiddaħħlu l-Artikoli li ġejjin:

"*Artikolu 6a*

Kwalunkwe persuna msemmija fl-Artikolu 10, il-punt (c) jew (d), għandha tkun intitolata li tirkupra, fi proċedimenti ġudizzjarji quddiem il-qrati kompetenti ta' Stat Membru, kwalunkwe danni diretti jew indiretti, inklużi spejjeż legali, imġarrba minn dik il-persuna jew minn persuna ġuridika, entità jew korp li l-persuna msemmija fl-Artikolu 10, punt (d) hija s-sid tagħha jew tikkontrolla, bħala konsegwenza ta' talbiet ippreżentati quddiem il-qrati f'pajjiżi terzi minn persuni, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 6(1), il-punti (a) sa (f), b'konnessjoni ma' kwalunkwe kuntratt jew tranżazzjoni li t-twettiq tagħhom ġie affettwat, direttament jew indirettament, kompletament jew parzjalment, mill-miżuri imposti skont dan ir-Regolament, sakemm il-persuna kkonċernata ma jkollhiex aċċess effettiv għar-rimedji taħt il-ġuriżdizzjoni rilevanti. Tali ħsarat jistgħu jiġu rkuprati mill-persuni, l-entitajiet jew il-korpi msemmija fl-Artikolu 6(1), punti (a) sa (f), li ppreżentaw il-pretensjonijiet fil-qrati fil-pajjiż terz, jew minn persuni, entitajiet jew korpi li huma s-sidien ta' dawk l-entitajiet jew korpi jew li jikkontrollawhom.

Artikolu 6b

Meta l-ebda qorti ta' Stat Membru ma jkollha ġuriżdizzjoni skont dispożizzjonijiet oħra tal-liġi tal-Unjoni jew tal-liġi ta' Stat Membru, qorti ta' Stat Membru tista', fuq bażi eċċezzjonali, tisma' talba għad-danni mressqa skont l-Artikolu 6a, dment li l-każ ikollu konnessjoni suffiċjenti mal-Istat Membru tal-qorti invokata.";

(11) l-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 7*

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinfurmaw lil xulxin dwar il-miżuri meħuda skont dan ir-Regolament u jaqsmu kwalunkwe informazzjoni oħra relevanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom marbuta ma' dan ir-Regolament, b'mod partikolari informazzjoni fir-rigward ta':

(a) awtorizzazzjonijiet mogħtija jew miċħuda skont dan ir-Regolament;

(b) problemi ta' ksur u infurzar, pieni applikati għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u tas-sentenzi mogħtija mill-qrati nazzjonali.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lil xulxin u lill-Kummissjoni b'kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra għad-dispożizzjoni tagħhom li tista' taffettwa l-implimentazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

3. Kwalunkwe informazzjoni pprovduta jew riċevuta f'konformità ma' dan l-Artikolu għandha tintuża għall-finijiet li għalihom ġiet ipprovduta jew riċevuta, inkluż l-iżgurar tal-effettività tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

4. Kwalunkwe dokument miżmum mill-Kunsill, mill-Kummissjoni jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-'Rappreżentant Għoli') għall-fini li jiġi żgurat l-infurzar tal-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament, jew tal-prevenzjoni tal-ksur jew iċ-ċirkomvenzjoni tagħhom, għandu jkun soġġett għas-segretezza professjonali u għandu jgawdi l-protezzjoni mogħtija mir-regoli applikabbli għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Dik il-protezzjoni għandha tapplika wkoll għall-proposti konġunti mir-Rappreżentant Għoli u mill-Kummissjoni għall-emendar ta' dan ir-Regolament u għal kwalunkwe dokument preparatorju relatat magħhom.

Għandu jiġi preżunt li l-iżvelar ta' kwalunkwe dokument jew proposta msemmija fl-ewwel subparagrafu jkun ta' ħsara għas-sigurtà tal-Unjoni jew ta' wieħed jew aktar mill-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom.";

(12) l-Artikolu li ġej jiġi inserit:

"*Artikolu 7a*

1. Il-Kummissjoni għandha tipproċessa d-data personali sal-punt meħtieġ għat-twettiq tal-kompiti tagħha kif attribwiti minn dan ir-Regolament relatati mal-kontribut tagħha għall-implimentazzjoni, l-infurzar u l-prevenzjoni korretti taċ-ċirkomvenzjoni tal-miżuri imposti skont dan ir-Regolament.

1a. Il-Kummissjoni għandha tipproċessa data personali, inklużi kategoriji speċjali ta' data personali u data personali relatata ma' kundanni u reati kriminali kif definiti fl-Artikolu 10(2) u fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1]*, għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li huma soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti f'dan ir-Regolament, sabiex tassisti lill-persuni msemmija fl-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament fil-konformità tagħhom ma' dan ir-Regolament.

2. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni hija maħtura bħala 'kontrollur' skont it-tifsira tal-Artikolu 3, punt (8) tar-Regolament (UE) 2018/1725 fir-rigward tal-attivitajiet ta' pproċessar meħtieġa biex jitwettqu l-kompiti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, inklużi l-awtoritajiet tal-infurzar, l-awtoritajiet doganali fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2]*, l-awtoritajiet kompetenti fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3]*, id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [4]*, id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [5]*, kif ukoll l-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja kif imsemmija fid-Direttiva (UE) 2015/849 u l-amministraturi ta' reġistri uffiċjali fejn huma rreġistrati persuni fiżiċi, persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi kif ukoll proprjetà immobbli jew mobbli, għandhom jipproċessaw u jiskambjaw mingħajr dewmien informazzjoni, inkluża data personali, ma' awtoritajiet kompetenti oħra tal-Istat Membru tagħhom, ma' awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra u mal-Kummissjoni, jekk tali pproċessar u skambju jkun meħtieġ biex jitwettqu l-kompiti tal-awtorità tal-ipproċessar jew tal-awtorità riċeventi skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari meta jidentifikaw każijiet ta' ksur, ċirkomvenzjoni jew tentattivi ta' ksur jew ċirkomvenzjoni tal-projbizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament. Din id-dispożizzjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miżmuma mill-awtoritajiet ġudizzjarji.

4. Kwalunkwe pproċessar ta' data personali għandu jitwettaq f'konformità ma' dan ir-Regolament, ir-Regolament (UE) 2016/679 [6]* tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (UE) 2018/1725, u biss sa fejn ikun meħtieġ għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u biex tiġi żgurata kooperazzjoni effettiva bejn l-Istati Membri kif ukoll mal-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

([1])* Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE EC (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([2])* Ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 269, 10.10.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/952/oj).

([3])* Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).

([4])* Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj).

([5])* Id-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2015/849/oj).

([6])* Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).";

(13) L-Artikolu 8(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1 L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali, inkluż kif xieraq pieni kriminali, applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-pieni previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, u jistgħu jqisu l-awtodivulgazzjoni volontarja tal-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament bħala fattur mitiganti, f'konformità

mal-liġi nazzjonali rispettiva. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll għal miżuri xierqa ta' konfiska tar-rikavat minn tali ksur.";

(14) Jiżdied l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 8a*

Il-persuni fiżiċi u ġuridiċi, l-entitajiet u l-korpi għandhom jagħmlu l-almu tagħhom biex jiżguraw li kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp stabbiliti barra mill-Unjoni li huma proprjetarji tagħhom jew li jikkontrollaw ma jipparteċipawx f'attivitajiet li jimminaw il-miżuri restrittivi previsti f'dan ir-Regolament.";

(15) L-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(16) L-Anness IV huwa miżjud skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament;

(17) L-Anness V huwa miżjud skont l-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Frar 2025.

Għall-Kunsill

Il-President

K. KALLAS

ANNESS I

L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 692/2014 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"ANNESS II

Lista ta' oġġetti u teknoloġija msemmija fl-Artikolu 2b

Kapitolu/kodiċi NM [1]	Deskrizzjoni tal-prodott
Kapitolu 25	MELĦ; KUBRIT; MATERJALI TAL-ART U L-ĠEBEL; MATERJALI TAT-TIKĦIL, ĠIR U SIMENT
Kapitolu 26	MINERALI, GAGAZZA U RMIED
Kapitolu 27	KARBURANTI MINERALI, ŻJUT MINERALI U PRODOTTI TAD-DISTILLAZZJONI TAGĦHOM; SUSTANZI BITUMINUŻI; XEMGĦAT MINERALI
Kapitolu 28	KIMIĊI INORGANIĊI; KOMPOSTI ORGANIĊI JEW INORGANIĊI TA' METALLI PREZZJUŻI, TA' METALLI TAL-MATERJALI TAL-ART RARI, TA' ELEMENTI RADJUATTIVI JEW TA' ISOTOPI
Kapitolu 29	KIMIĊI ORGANIĊI
3824	Leganti ppreparati għall-forom jew għall-qlub tal-fonderija; prodotti u preparazzjonijiet kimiċi tal-industriji kimiċi jew li għandhom x'jaqsmu magħhom (inklużi dawk li jikkonsistu f'taħlitiet ta' prodotti naturali), mhux speċifikati jew inklużi xi mkien ieħor
3826 00	Bijodiżil jew taħlit tiegħu, li ma jkunx fih jew ikun fih anqas minn 70 % skont il-piż ta' żejt jew żjut li jinkisbu minn minerali bituminużi
4011 20	Tajers pnewmatiċi ġodda, tal-lastiku, ta' tip użat għal karozzi tal-linja u trakkijiet
4011 30	Tajers pnewmatiċi ġodda tal-lastku, ta' tip użat fuq inġenji tal-ajru
4011 80	Tajers pnewmatiċi ġodda, tal-lastiku, ta' tip użat fil-vetturi u l-magni tal-kostruzzjoni, tal-minjieri jew tat-trattament industrijali
7106	Fidda (inkluża fidda miksija bid-deheb jew platinu), mhux maħduma jew f'għamliet semi-manifatturati, jew f'għamla ta' trab
7107	Metalli komuni mlibbsin bil-fidda, mhux maħdumin aktar minn stat semimanifatturat
7108	Deheb (inkluż deheb miksi bil-platinu), mhux maħdum jew f'għamliet semi-manifatturati, jew f'għamla ta' trab
7109	Metalli komuni jew fidda, imlibbsin bid-deheb, mhux maħdumin aktar minn stat semimanifatturat
7110	Platinu, mhux maħdum jew f'għamliet semi-manifatturati, jew f'għamla ta' trab

Kapitolu/kodiċi NM (1)	Deskrizzjoni tal-prodott
7111	Metalli komuni, fidda jew deheb, imlibbsin bil-platinu, mhux maħdumin aktar minn stat semimanifatturat
7112	Skart jew ruttam ta' metall prezzjuż jew ta' metall imlibbes b'metall prezzjuż; skart jew ruttam ieħor li fih metall prezzjuż jew komposti ta' metall prezzjuż, ta' kwalità użata prinċipalment biex ikun irkuprat metall prezzjuż
Kapitolu 72	Ħadid u azzar
Kapitolu 73	Oġġetti tal-ħadid jew l-azzar
Kapitolu 74	Ram u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 75	Nikil u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 76	Aluminju u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 78	Ċomb u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 79	Żingu u oġġetti magħmula minnu
Kapitolu 80	Landa u oġġetti magħmula minnha
Kapitolu 81	Metalli oħrajn komuni; ċermiti; oġġetti magħmula minnhom
8207	Għodda interskambjabbli, għal għodda tal-idejn, li jaħdmu permezz ta' muturi jew le, jew għal għodda tal-magna (pereżempju, tal-ippressar, tal-istampar, li jagħmlu t-toqob, li jaqtgħu kamini minn ġewwa u minn barra, għal titqib, għat-ħaffir, għat-tisfid, għall-milling, għall-inturnar jew invitar), inkluż forom għal ġbid jew ħruġ ta' metalli, u għodda għal ħaffir tal-blat jew tat-toqob fl-art
8401	Reatturi nukleari; elementi ta' karburanti (skratać), mhux irradjati, għal reatturi nukleari; makkinarju u apparat għal separazzjoni isotopika
8402	Bojlers li jiġġeneraw stim jew fwar ieħor (għajr bojlers tal-miżhun tat-tiżhin ċentrali li jistgħu jipproduċu ukoll stim ta' pressjoni baxxa); kaldaruni ta' ilma sopra-msaħħnin
8403	Bojlers tat-tiżhin ċentrali minbarra dawk tal-intestatura 8402
8404	Impjant awżiljaarju għall-użu ma' bojlers tal-intestatura 8402 jew 8403 (pereżempju, ekonomizzaturi, heaters speċjali, apparat li jneħħi n-nugrufun, irkupraturi tal-gass); kondensaturi għal unitajiet ta' enerġija bl-istim jew bi fwar ieħor
8405	Ġeneraturi ta' gass produttur jew gass tal-ilma, bil-purifikaturi tagħhom jew le; ġeneraturi tal-gass tal-aċitilen u ġeneraturi simili ta' gassijiet bi proċess tal-ilma, bil-purifikaturi tagħhom jew le
8406	Turbini tal-istim u turbini ta' fwar ieħor
8407	Magni tal-kombustjoni interna bil-pistuni reċiprokanti jew rotatorji mqabbdin bi spark

Kapitolu/kodiċi NM (1)	Deskrizzjoni tal-prodott
8408	Magni li jaqbdu b'kompressjoni bil-pistuni b'kombustjoni interna (magni diżil jew semi-diżil)
8409	Parts tajbin għal użu biss jew prinċipalment mal-magni tal-intestatura 8407 jew 8408
8410	Turbini idrawliċi, roti tal-ilma, u regulaturi għalihom
8411	Magni turboreatturi, turbo skrejjen u turbini oħrajn tal-gass
8412	Magni u muturi oħra
